A.L. 144 ta' l-1991

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

ATT TA' L-1989 DWAR AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT PUBBLIKU (ATT NRU. IX TA' L-1989)

Regolamenti ta' l-1991 dwar it-Trasport Pubbliku (Servizzi tat-Trasport *Scheduled*, Turisti, *Minibus* u *Unscheduled*)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 17 ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku u bl-artikolu 27 ta' l-Att ta' l-1989 dwar Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku, il-Kummissarju tal-Pulizija, bil-parir tal-Bord għall-Kontroll tat-Traffiku, u ċ-*Chairman* ta' l-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku, bil-kunsens tal-Ministru għall-Iżvilupp ta' l-Infrastruttura, għamlu dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1991 dwar it-Trasport Pubbliku (Servizzi tat-Trasport *Scheduled*, Turisti, *Minibus* u *Unscheduled*).

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor —

"*motor omnibus*" tfisser kull vettura bil-mutur liċenzjata u/jew reġistrata biex iġġorr iktar minn erbatax-il persuna, mhux magħdud id-*driver*;

"*motor minibus*" tfisser kull vettura bil-mutur , li ma tkunx *motor omnibus*, liċenzjata u/jew reġistrata biex iġġorr minn għaxra sa erbatax-il persuna, mhux magħdud id-*driver*, użata għall-ġarr ta' passiġġieri;

"korp parastatali" tfisser kull korp imwaqqaf b'kull liġi u jinkludi soċjetà jew korp ieħor li fih il-Gvern ta' Malta jew xi korp ieħor kif imsemmi hawn qabel ikollhom kontroll jew li fuqu jkollhom kontroll effettiv.

Uffiċji Ċentrali.

3. (1) Għandhom jitwaqqfu —

(a) Uffiċċju Ċentrali għal Servizzi *Scheduled* tal-*Buses* li jkun, b'żieda mad-dmirijiet kontemplati fir-regolament 7 hawn aktar 'il quddiem, inkarigat mid-distribuzzjoni u allokazzjoni tas-servizzi *scheduled* kollha;

(b) Uffiċċju Ċentrali għal Servizzi *Unscheduled* tal-*Buses* li jkun, b'żieda mad-dmirijiet kontemplati fir-regolament 7 hawn aktar 'il quddiem , inkarigat mid-distribuzzjoni u allokazzjoni tas-servizzi kollha tat-turisti;

(ċ) Uffiċċju Ċentrali għal Servizzi bil-*Minibus* li jkun, bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tar-regolament 7 hawn aktar 'il quddiem, inkarigat mid-distribuzzjoni u allokazzjoni tas-servizzi *unscheduled* minn *motor minibuses* reġistrati mal-Uffiċċju Ċentrali imsemmi.

(2) Kull Uffiċċju Ċentrali għandu jkollu reġistru tal-membri u tal-*motor omnibuses* jew *motor minibuses* tiegħu u jikteb fih dawn il-partikolaritajiet li ġejjin:

(a) l-ismijiet, indirizzi u n-numru tal-*identification tag* ta' kull membru u ta' kull persuna li tkun qegħda fl-impjieg ta' dak il-membru;

(b) id-data li fiha kull persuna ddaħlet fir-reġistru bħala membru, u d-data tal-bidu tal-impjieg ta' kull impjegat;

(ċ) id-data li fiha persuna temmet li tkun membru, u d-data tat-temm ta' l-impjieg ta' kull impjegat;

(d) in-numru ta' reġistrazzjoni, numru tax-*chassis* u sena ta' manifattura ta' kull *motor omnibus* jew *motor minibus* proprjetà ta' kull membru;

(e) dettalji ta' kull liċenza kummerċjali dwar kull *motor omnibus* jew *motor minibus* proprjetà ta' kull membru.

(3) L-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku jkollha s-setgħa li tispezzjona r-Reġistru tal-Membri u li tikkontrolla l-attivitajiet tal-Uffiċċji Ċentrali msemmija.

(4) L-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku u/jew kull uffiċjal pubbliku awtorizzat mill-Ministru responsabbli għat-turismu ikollhom is-setgħa li jivverifikaw u jikkontrollaw l-attivitajiet ta' kull wieħed mill-Uffiċċji Ċentrali msemmija għar-rigward ta' kull servizz tat-trasport tat-turisti.

(5) It-tmexxija normali ta' kull Uffiċċju Ċentrali u l-ispiża relattiva għandhom ikunu dovuti mill-membri rispettivi ta' kull Uffiċċju Ċentrali.

(6) Ebda detentur ta' liċenza ta' *motor omnibus* li jkun awtorizzat li jaħdem f'kategorija li tkun ta' servizz tat-trasport ma jista' hekk jaħdem ħlief permezz ta' l-Uffiċċju Ċentrali li miegħu dak id-detentur ta' liċenza jkun reġistrat bħala membru.

Motor omnibuses.

4. (1) Kull detentur ta' liċenza ta' *motor omnibus* awtorizzat iħaddem servizz tat-trasport *scheduled* għandu jagħmel hekk skond *roster* imħejji mill-Uffiċċju Ċentrali għal Servizzi tat-Trasport *Scheduled* tal-*Buses*.

G.N. 24 ta' l-1948.

(2) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 119 tar-Regolamenti ta' l-1948 dwar il-Vetturi bil-Mutur, ikun id-dmir tal-imsemmi Uffiċċju Centrali li jħejji (suġġett għall-

approvazzjoni ta' l-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku) r-*roster* ta' *motor omnibuses* li jkunu qegħdin jagħmlu servizzi *scheduled* fuq rotot diversi; l-imsemmi *roster* għandu jitqassam fost il-membri kollha u għandu jitwaħħal f'post fejn ikun jidher sew ġewwa l-Uffiċċju msemmi.

(3) Id-detentur ta' liċenza ta' kull *motor omnibus* li jkun qiegħed jagħmel servizz tat-trasport *scheduled* għandu jixtri bl-istess prezz li jiswew il-biljetti li jkun jeħtieġ għalih mill-Uffiċċju Ċentrali msemmi.

(4) L-Uffiċċju Ċentrali msemmi għandu kull ħmistax-il ġurnata jqassam fost id-diversi detenturi ta' liċenza s-sehem dovut lilhom mill-bejgħ ta' biljetti u kull qliegħ ieħor, wara li jitnaqqsu minn dak is-sehem l-ispejjeż li jsiru fit-tmexxija tal-Uffiċċju Ċentrali msemmi u wara li jiżdied ma' dawk l-ispejjeż kull ammont ta' penalità dixxiplinarja imposta.

(5) It-tqassim imsemmi fil-paragrafu (4) ta' dan ir-regolament għandu jsir fil-proporzjon tan-numru ta' ġranet maħdumin u/jew in-numru ta' vjaġġi li jkunu saru minn kull *motor omnibus* u n-numru ta' postijiet permess fuq kull *motor omnibus*.

(6) L-Uffiċċju Ċentrali msemmi jista' jiġbor dawk il-penalitajiet dixxiplinarji xierqa li jiġu approvati mill-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku għall-amministrazzjoni u tmexxija xierqa tas-servizz. L-imsemmi Uffiċċju Ċentrali jista' jnaqqas dawk il-penalitajiet dixxiplinarji mill-ħlas dovut lil kull detentur ta' liċenza.

(7) Meta jiġri li *motor omnibus*, li tkun liċenzjata biex tintuża fuq servizz ta' trasport *scheduled* jew *unscheduled*, ma tkunx tenħtieġ f'xi jum partikolari sabiex tagħmel xi servizz *scheduled* skond *roster* imħejji u approvat skond il-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament, id-detentur ta' liċenza ta' dik il-*motor omnibus* jista' jagħti lok, iħalli jew jippermetti lil dik il-*motor omnibus* li tħaddem kull servizz tat-trasport *unscheduled*, minbarra servizzi tat-trasport tat-turisti, sakemm ebda detentur ta' liċenza ta' *motor omnibus* bħal dik ma għandu jagħmel dan ħlief permezz ta' l-Uffiċċju Ċentrali għal Servizzi *Scheduled* tal-*Buses* skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 7 hawn iktar 'il quddiem.

Servizzi għat-turisti.

5. (1) Ħadd ma jista' jikri jew jitlob is-servizzi ta' xi *motor omnibus* għat-twettiq ta' servizzi tat-trasport għat-turisti ħlief permezz tal-Uffiċċju Ċentrali għal Servizzi *Unscheduled* tal-*Buses* imwaqqaf bis-saħħa tar-regolament 3(1)(b) ta' dawn ir-regolamenti, u kull ħlas dovut rigward xi servizz tat-trasport tat-turisti li jsir minn *motor omnibus* għandu jitħallas minn min ikun qiegħed jitlob dak is-servizz direttament fl-imsemmi Uffiċċju Ċentrali skond tariffa ta' nolijiet approvata mill-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku.

(2) Ikun id-dmir tal-Uffiċċju Ċentrali għal Servizzi *Unscheduled* tal-*Buses* li jallokaw servizzi tat-trasport tat-turisti fuq sistema ta' *roster* biss fost dik il-kategorija ta' *motor omnibuses* li huma reġistrati mal-Uffiċċju Ċentrali msemmi u li jkollhom liċenza biex jintużaw għal servizz tat-trasport tat-turisti skond ir-Regolamenti ta' l-1949 dwar il-Liċenzi tal-Pulizija, sabiex jiżguraw tqassim ġust tad-dħul kollu li jinkiseb minn fost dik il-kategorija ta' *motor omnibuses*.

(3) Fil-każ illi l-*motor omnibuses* imsemmija fil-paragrafu li jiġi minnufih qabel dan ma jkunux biż-żejjed fl-għadd tagħhom sabiex jaqdu s-servizzi kollha ta' trasport tat-turisti li jistgħu jinħtieġu f'xi jum partikolari, l-Uffiċċju Ċentrali għal Servizzi *Unscheduled* tal-*Buses* jista', permezz ta' l-Uffiċċji Ċentrali l-oħrajn, jikri jew jitlob is-servizzi ta' *motor omnibus* jew *motor minibus* għat-twettiq ta' servizz ta' trasport tat-turisti, sakemm dik il-*motor omnibus* jew *motor minibus* ikollhom liċenza sabiex jintużaw għal servizzi ta' trasport tat-turisti skond ir-Regolamenti ta' l-1949 dwar il-Liċenzi tal-Pulizija.

(4) Fil-każ imsemmi fil-paragrafu li jiġi minnufih qabel, kull ħlas dovut dwar dawk is-servizzi ta' trasport tat-turisti għandu jitħallas minn min ikun jeħtieġ dak is-servizz direttament fl-Uffiċċju Ċentrali għal Servizzi *Unscheduled* tal-*Buses*.

Motor minibuses.

6. (1) Kull min ikun jeħtieġ is-servizzi ta' xi *motor minibus* għat-twettiq ta' servizz tat-trasport *unscheduled* jew tat-turisti, jista' jagħmel dan direttament permezz tal-operatur liċenzjat tal-*motor minibus* imsemmija, sakemm l-imsemmija *minibus* ikollha liċenza sabiex tintuża għal dak is-servizz tat-turisti jew *unscheduled* imsemmi, skond il-każ, skond ir-Regolamenti ta' l-1949 dwar il-Liċenzi tal-Pulizija.

(2) L-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku għandha żżomm reġistru tal-operaturi liċenzjati kollha ta' *motor minibuses*, li fih jinkitbu l-partikolaritajiet kollha msemmija fir-regolament 3(2) ta' dawn ir-regolamenti.

Servizzi *unscheduled.*

7. (1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 6(1) ta' dawn ir-regolamenti, kull min ikun jeħtieġ is-servizzi ta' *motor omnibus* jew ta' *motor minibus* għat-twettiq ta' xi servizz tat-trasport *unscheduled*, li ma jkunx servizz għat-trasport tat-turisti, għandu jikri jew jitlob dak is-servizz direttament permezz ta' dak l-Uffiċċji Ċentrali, imwaqqaf bis-saħħa tar-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti, li miegħu l-imsemmija *motor omnibus* jew *motor minibus* tkun reġistrata.

(2) Kull Uffiċċju Ċentrali għandu d-dmir li jalloka, fost il-membri tiegħu, fuq bażi ta' *roster*, servizzi tat-trasport *unscheduled*, f'kull waħda mill-kategoriji li jistgħu jiġu stipulati mill-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku, biss lil dak l-għadd ta' *motor omnibuses* jew *motor minibuses*, skond il-każ, li jkunu hekk reġistrati mal-Uffiċċju Ċentrali msemmi u li jkollhom liċenza sabiex jintużaw għal servizzi tat-trasport *unscheduled* skond ir-Regolamenti ta' l-1949 dwar il-Liċenzi tal-Pulizija, b'mod li jiġi assigurat li jkun hemm tqassim ġust tad-dħul kollu miksub minn dan filwaqt li jiġu kkunsidrati l-faċilitajiet provduti mill-*motor omnibuses* jew *motor minibuses* skond il-każ f'kull kategorija.

Ħlas ta' ishma.

8. (1) Kull wieħed mill-Uffiċċji Ċentrali għandu mhux fost id-diversi detenturi ta' liċenza s-sehem lilhom dovut mill-ħlasijiet imħallsin lil kull uffiċċju bħal dak għar-rigward ta' servizz ta' trasport *unscheduled* jew ta' trasport tat-turisti skond il-każ, wara li jitnaqqsu mid-dħul totali l-ispejjeż li jkunu saru fit-tmexxija tal-imsemmi Uffiċċju għar-rigward tas-servizzi msemmija li magħhom jiżdied kull ammont li għandu jingħabar għall-penalitajiet dixxiplinarji imposti.

(2) It-tqassim imsemmi fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament għandu jsir fi proporzjon għas-servizz imwettaq minn kull *motor omnibus,* jew *motor minibus* skond il-każ, magħdudin il-frekwenza, postijiet għall-passiġġieri u tul ta' żmien u ħin effettiv ta' vjaġġi li jsiru.

(3) L-Uffiċċji Ċentrali msemmija jistgħu jiġbru penalitajiet dixxiplinarji li jiġu approvati mill-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku għall-aħjar amministrazzjoni u tmexxija xierqa tas-servizz. Kull Uffiċċju Ċentrali jista' jnaqqas dawk il-penalitajiet dixxiplinarji mill-ħlas dovut lil kull detentur ta' liċenza.

(4) L-ispejjeż kollha tat-tħaddim u tal-manutenzjoni ta' kull *motor omnibus* jew *motor minibus* skond il-każ għandhom ikunu r-responsabbiltà tad-detentur tal-liċenza relattiv.

Trasport ta' tfal ta' l-iskejjel tal-Gvern.

9. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dawn ir-regolamenti, it-trasport tat-tfal kollha tal-iskejjel tal-Gvern għandu jitħaddem skond id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament.

(2) Meta d-Direttur ta' l-Edukazzjoni (hawn minn issa 'l quddiem f'dan ir-regolament imsejjaħ "id-Direttur"), jordna li ċerti rotot għat-trasport ta' tfal ta' l-iskejjel tal-Gvern għandhom jitħaddmu minn *motor omnibuses* li jkunu jappartjenu lil detenturi ta' liċenza ta' *motor omnibus* awtorizzata li taħdem f'kull kategorija ta' servizz tat-trasport tat-turisti, dawk ir-rotot għandhom jiġu allokati sabiex jitħaddmu esklussivament minn *motor omnibuses* li jkollhom liċenza għal servizzi ta' trasport tat-turisti, mill-Uffiċċju Ċentrali għal Servizzi *Unscheduled* tal-*Buses*.

(3) Meta d-Direttur jordna li ċerti rotot għat-trasport ta' tfal ta' l-iskejjel tal-Gvern għandhom jitħaddmu minn *motor omnibuses* li jkunu jappartjenu lil detenturi ta' liċenza ta' *omnibus* li tkun awtorizzata li tagħmel servizzi tat-trasport *scheduled,* dawk ir-rotot għandhom jiġu allokati sabiex jitħaddmu esklussivament minn *omnibuses* li jkollhom liċenza għal servizzi ta' trasport *scheduled* li f'dak il-jum partikolari ma jkunux tqabbdu jagħmlu xogħol bir-*roster* mill-Uffiċċju Ċentrali għal Servizzi *Scheduled* tal-*Buses*.

(4) Meta d-Direttur jordna li ċerti rotot għat-trasport ta' tfal ta' l-iskejjel tal-Gvern għandhom jitħaddmu minn *motor minibuses* li jkunu jappartjenu lil detenturi ta' liċenza ta' *minibus* li tkun awtorizzata li tagħmel servizzi tat-trasport *unscheduled* b'*motor minibuses* dawk ir-rotot għandhom jiġu allokati biex jitħaddmu esklussivament minn *minibuses* li jkollhom liċenza għal servizzi tat-trasport *unscheduled,* mill-Uffiċċju Ċentrali għal Servizzi bil-*Minibuses* jew mill-Uffiċċju Ċentrali għal Servizzi *Unscheduled* tal-*Buses,* skond il-każ.

(5) Meta rotta li tkun ġiet hekk assenjata sabiex titħaddem minn Uffiċċju partikolari ma titħaddimx b'dak il-mod, id-Direttur jista' jordna li dik ir-rotta tiġi assenjata biex titħaddem minn Uffiċċju ieħor.

(6) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament għandhom ikunu japplikaw, *mutatis mutandis,* fil-każ ta' kull servizz tat-trasport organizzat minn dipartiment tal-Gvern jew korp parastatali.

Ħassar A.L. 11 ta' l-1978.

10. Ir-Regolamenti ta' l-1978 dwar Omnibusijiet bil-Mutur (Servizz *Scheduled* u *Unscheduled*) huma b'dan imħassrin.